# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 87/2016 PC**

**Alvin Spiteri Debono**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrenti twieled f'Victoria, Għawdex fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) u skont kif jidher mill-Att ta' Twelid huwa ngħata l-isem 'Alvin' u awtomatikament ħa kunjom missieru Spiteri u dan kif jidher mill-Att ta' Twelid bin-numru mija u sitta u sittin tas-sena elf disa' mija u tmenin (166/1980) li kopja tiegħu tinsab hawn anness bħala Dokument 'A';

Illi r-rikorrenti dejjem b'mod konsistenti kiteb kunjomu bħala 'Spiteri Debono' u mhux 'Spiteri' biss, u dan kif jirriżulta mid-diversi dokumenti ta' identifikazzjoni u oħrajn li kopja tagħhom tinsab hawn annessa bħala Dokument 'B' sa 'Q';

Ili l-kunjom Debono huwa kunjom il-bużnanna Concetta Debono u t-tfal tagħha Michael Debono u Loreta Debono li wara li żżewġet saret Zerafa u li huma t-tlett persuni li rabbew lir-rikorrenti u li magħhom huwa trabba u għix sa minn ċkunitu;

Illi l-attur jixtieq li jikkoreġi dan l-iżball billi kunjomu jkun jinkiteb bl-istess mod f'kull dokument pubbliku inkluż fuq iċ-ċertifikat tat-twelid u dan stante illi qegħdin jinħolqu inkongruwenzi jew almenu li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-attur bin-numru mija u sitta u sittin tas-sena elf disa' mija u tmenin (166/1980) skont il-provedimenti tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex kunjom il-mittenti jinkiteb bħala **SPITERI DEBONO** u tordna illi kull fejn jidher kunjom il-mitteni fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu dan jinbidel għal **'SPITERI DEBONO'**;

2. Sussidjarjament li tordna li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-attur bin-numru mija u sitta u sittin tas-sena elf disa' mija u tmenin (166/1980) sabiex kunjom l-attur ikun **'SPITERI magħruf bħala SPITERI DEBONO'**;[1]

3. Tordna illi l-bdil effetwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattivi tal-mitteni, jekk ikun il-każ u dan skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa minn issa mħarrek sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Ili bla ħsara għas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti għandu jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu ħalli b'hekk l-esponent tkun f'qagħda aħjar li tkun tista' twieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qegħda tirriserva u żżomm sħiħ id-dritt tagħha li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindika taħt liema disposizzjonijiet tal-liġi huwa qiegħed jorbot il-proċeduri istanti;

3. Illi għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponenti tirrileva ili l-ebda talba tar-rikorrenti ma tista tiġi milqugħa, stante li r-rikorrenti ma jistax jitlob għall-korrezzjoni ta' kunjom u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att ta' Twelid tar-rikorrent kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistawx jiġu milqugħa;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent tirrileva li *ai termini* tal-artikolu 4 (3) tal-Kap. 16, mat-twelid, ir-rikorrenti assuma kunjom missieru li miegħu seta' iżid kunjom xbubit ommu. Il-liġi ma tagħtix lok xi persuna li żżid kunjom ieħor li mhux dak tal-ġenituri teigħu. Isegwi illi kunjom xebba tal-

[1] Korrezzjoni b'digriet tas-16 ta' Awwissu 2017

bużnanna tiegħu ma jaqax taħt il-parametri permessi mil-liġi u għalhekk ir-rikorrenti ma jikkwalifikax sabiex jagħmel użu minn kunjom bużnanntu xebba wara dak ta' missieru. Dan kif anki ġie deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fir-Rikors Numru 114/2014/LSO bl-ismijiet: "Joseph Naudi normalment magħruf bħala Joseph Naudi Montaldo vs Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku". Għaldaqstant tali talba għandha tiġi miċħuda;

5. Illi l-esponent jirrileva wkoll li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm ebda kunjom li huwa attribwit mar-rikorrenti peress li fl-atti tat-twelid li kienu jsiru qabel l-2005 ma kienx jiġi ndikat il-kunjom tat-tarbija;

6. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent tissottometti illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribbwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponent u kwindi hija ma għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża;

7. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-affidavit tal-attur u d-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ai termini tal-atikolu 253 tal-Kap. 12 li biha l-attur qed jitlob korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-Twelid tiegħu[2] u dan sabiex jiġi reġistrat li kunjomu huwa "Spiteri Debono" u mhux "Spiteri". Sussidjarjament jitlob li jekk ma tintlaqax din it-talba issir annotazzjoni fl-istess ċertifkat bil-kliem "Spiteri magħruf bħala Spiteri Debono." Intalab ukoll li dan il-bdil fiċ-ċertifikat tat-Twelid jiġi rifless ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv tiegħu, jekk ikun il-każ.

Il-konvneut qed jopponi t-talbiet għar-raġunijiet minnu ndikati fir-Riposta Ġuramentata tiegħu.

Irriżulta, kif fisser l-attur fl-affidavit tiegħu,[3] li huwa kien ġie abbandunat mill-ġenituri tiegħu meta kellu biss sitt xhur u fil-fatt trabba mill-bużnanna tiegħu u żewġ uliedha li kienu joqgħodu magħha fl-istess dar. Sa minn ċkunitu u partikolarment meta beda jattendi l-iskola ma kunjomu "Spiteri" beda jiżdied il-kunjom "Debono" u dan sabiex jiġi identifikat mal-familja li kienet qed trabbih.

[2] Ara kopja tiegħu esebita bħala Dok. A mar-Rikors Ġuramentat a fol. 5 tal-proċess
[3] A fol. 64 - 65

Infatti l-attur kien qed jiġi indikat b'dawn iż-żewġ kunjomijiet f'diversi dokumenti, anke dawk uffiċċjali,[4] saħansitra l-Karta tal-Identita' tiegħu.[5] Huwa għalhekk jixtieq li issa din is-sitwazzjoni tiġi riflessa fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu u fl-atti tal-istat ċivili l-oħra tiegħu.

Dwar talba simili għall-ewwel talba odjena ntqal:

"*Illi f'sentenza moghtija fis-16 ta' Dicembru 2003 tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet 'Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku' gie osservat illi kif sewwa eccepixxa l-konvenut l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitnizzel kunjom it-tarbija ghas-semplici raguni illi t-tarbija tiehu kunjom missierha jew ommha skond il-kaz. Ghalhekk l-attur ma jistax jaghmel it-talba li qed jaghmel ghaliex effettivament ikun qed ibiddel kunjom missieru. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza msemmija, l-artikolu 253 (2) jirreferi ghall-isem (u mhux kunjomu) l-attur u ghas-semplici raguni li '**c-certifikat tat-twelid ta' persuna ma jaghtix il-kumjom ta' dik il-persuna, izda ghal dak li huwa kunjom, jagħti l-kunjom ta' missier u ta' omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jigi mogħti specifikament lill-persuna li ghaliha jirreferi c-certifikat li jkun ... u huwa proprju ghax ic-certifikat tat-twelid ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel semplicement jassumi l-kunjom ta' missieru (li mieghu jista' jzid kunjom ommu) li r-referenza ghall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija necessarjament referenza ghall-prenom u mhux ghall-kunjom jew 'family name'**.*"[6]

Għalhekk it-tieni, t-tielet u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut huma ġustifikati u l-ewwel talba ser tiġi miċħuda.

Mhux l-istess pero' għat-tieni talba biex issir annotazjoni fl-istess ċertifikat tat-Twelid li tkun tirrifletti l-kunjom li bih huwa attwalment magħruf l-attur. Talba simili ġiet diversi drabi milqugħa mill-Qrati tagħna,[7] u din il-Qorti ma tarax għalfejn m' għadhiex issegwi din il-ġurisprudenza u taċċetta li ssir annotazzjoni fis-sens li fil-kolonna relattiva fiċ-ċertifikat tat-Twelid tal-attur jiddaħħlu l-kliem: "Spiteri magħruf bħala Spiteri Debono", kif qed jitlob l-attur.

Madankollu għalkemm il-liġi tippermetti li korrezzjoni jew aħjar tibdil bħal dan jista' , permezz tal-istess kawża, jintalab li jiġi rifless ukoll f'ċertifikati oħra dwar l-istat ċivili tal-attur, is-sub-inċiż (3) tal-artikolu 253 jesiġi li dawn l-"**atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattiva taghhom**," ħaġa li l-attur m' għamilx fil-kawża presenti. għalhekk din l-aħħar talba ma tistax tiġi milqugħa.

---

[4] Ara dokumenti annessi mar-Rikors Ġuramentat minn Dok. B sa Dok. Q a fol. 6 - 21
[5] Ara Dok. E a fol. 33 u a fol. 66
[6] Prim' Awla 30.04.2012: Justin John Zammit Fiorentino normalment magħruf bħala Justin Zammit Fioentino
[7] Ara per ez. Ibid. u Prim' Awla 27.11.2013: Paul Vella Haber vs Direttur Reġistru Pubbliku, fejn it-talba kienet proprju biex jiżdied kunjom il-bużnanna tal-attur ma' dak ta' missieru;

Fir-rigward imbagħad tal-kap tal-ispejjeż, għandu raġun ukoll il-konvenut, li l-azzjoni tal-attur ma hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu, u għalhekk m' għandux ibati spejjeż.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tieni, t-tielet, il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna li ssir annotazzjoni fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-attur bin-numru mija u sitta u sittin tas-sena elf disa' mija u tmenin (166/1980) sabiex kunjom l-attur ikun "Spiteri magħruf bħala Spiteri Debono."

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom ikunu ssopportati unikament mill-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

21.11.2017 – Sup87.2016 – Alvin Spiteri Debono vs Direttur Reġistru Pubbliku
1406